# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.15

## ĦTIĠIET DWAR STANDARDS U PRATTIKA DWAR IS-SEHEM TA' NIES BLA ĦARSIEN XIERAQ FIL-MEZZI TAX-XANDIR

7 ta' Awissu, 2007

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 730 ta' l-2007.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar Standards u Prattika dwar is-Sehem ta' Nies bla Ħarsien xieraq fil-Mezzi tax-Xandir. Titolu.

**1.** Introduzzjoni u Prinċipji Ġenerali

1.1 Dawn il-Ħtiġiet dwar Standards u Prattika saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa ta' l-artikolu 20(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

1.2 Kull min itella' l-programmi għandu jaħrab kull xorta ta' sfruttament minn kull forma ta' ħarsien xieraq ta' dak li jkun, għal finijiet kummerċjali.

**2.** In-Nies bla Ħarsien xieraq

2.1 Mhux faċli tagħmel lista tan-nies meqjusa jinħtieġu ħarsien xieraq għax din tista' tkun ħaġa permanenti jew marbuta ma' perijodu partikolari fil-ħajja ta' xi ħadd li normalment ma jintqiesx bħala dgħajjef.

2.2 F'dawn il-ħtiġiet inqisu bħala nies jinħtieġu ħarsien xieraq, lit-tfal, lill-anzjani li jkollhom xi problemi, lil dawk li jkunu vittmi ta' xi abbużi, l-aktar sesswali jew emozzjonali, u lil ċerti nies, għalkemm mhux kollha, li għandhom diżabilità fiżika jew mentali. Fost oħrajn nistgħu ngħoddu ma' dawn lill-ħabsin, lir-refuġjati, lill-vittmi ta' l-użura, tad-droga u ta' l-alkoħol.

Għall-fini ta' dawn il-ħtiġiet, "tifel/tifla" jew "tfal" jew "minuri", sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ifissru persuna li ma tkunx għalqet l-età ta' tminatx-il sena.

2.3 Dan it-terminu jgħodd ukoll għal dawk li minħabba fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja jistgħu jintqiesu bħala nieqsa mill-ħarsien xieraq għal ċertu żmien. Dawn jinkludu wħud minn dawk li jkunu bil-luttu għat-telfa ta' l-għeżież tagħhom, dawk li tilfu x-xogħol jew li għandhom xi diffikultajiet fil-karriera, il-koppji li għaddejjin minn diffikultajiet kbar fir-relazzjoni bejniethom, dawk li għandhom diffikultajiet finanzjarji kbar, uħud minn dawk li qed iħabbtu wiċċhom ma' mard, kemm huma stess kif ukoll/jew l-għeżież tagħhom u dawk li għal xi raġuni jew oħra jħossuhom mgħaffġa u mkissra f'ħajjithom għax għaddejjin minn żmien ħażin ta' inċertezza.

**3.** Tagħrif prattiku

3.1 Il-Kunsens ħieles u mgħarraf

3.1.1 Qabel ma dawn in-nies jieħdu sehem f'xi programmi

għax-xandir li b'xi mod fih tkun ser tqum il-qagħda tagħhom, jinħtieġ li jagħtu l-kunsens ħieles u mgħarraf tagħhom. Dawk li jtellgħu l-programm ma għandhom jisfurzawhom b'ebda mod biex jieħdu sehem. Meta min itella' l-programm, tat-televiżjoni jew tar-radju, jitlob lil nies bla ħarsien xieraq jieħdu sehem, irid, sa fejn hu possibbli, ikun żgur li min ser jieħu sehem ikun jaf sewwa f'hiex dieħel u x'effett jista' jkollu fuq ħajtu l-fatt li jkun instama' u/jew intwera lill-eluf ta' nies. Dawk li jtellgħu l-programmi jridu jġibu ruħhom bl-istess mod ma' min hu hekk dgħajjef li jinħtieġ ħarsien u jitlobhom, kultant ukoll b'insistenza, biex jieħu sehem f'xi programm.

Għall-għoti tal-kunsens ma għandu jitwiegħed ebda xorta ta' kumpens jew benefiċċju finanzjarju lill-ġenituri jew lit-tuturi bl-iskop li jinfluwenzalhom id-deċiżjoni tagħhom biex dak li jkun involut jitħalla jieħu sehem fil-programmi ta' min hu dgħajjef u jinħtieġ ħarsien.

Persuna kwalifikata għandha żżomm seduta qabel ma jixxandar il-programm fejn hija tispjega lill-persuna vulnerabbli l-implikazzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programm u l-effetti li l-programm jista' jħalli fuq dik il-persuna vulnerabbli u/jew it-tfal tagħha, speċjalment jekk dawn ikunu tfal minuri. Dik is-seduta li tinżamm qabel ma jixxandar il-programm għandha, sa fejn ikun prattikabbli, tkun immexxija bl-anqas formaliżmu possibbli u ssir f'ambjent li jilqek.

3.1.2 Dawk li jtellgħu l-programm fid-dmir ukoll li jiċċekkjaw ma' sorsi indipendenti, il-verità u l-eżattezza ta' l-istorja li jkunu saru jafu biha.

3.1.3 Meta d-djugħfija u l-ħarsien meħtieġa jkunu kbar, jiġifieri, meta wieħed ikun qed ibati ħafna, kif ukoll f'kull każ ta' tfal b'xi xorta ta' problemi, għandu jkun hemm persuna kwalifikata, indipendenti mit-tim li qed itella' l-programm, (ħaddiem soċjali, konsulent, psikologu, psikoterapewta jew psikjatra) biex tkellem u tispjega b'mod ċar lil dawn in-nies, l-implikazzjonijiet ta' sehemhom fil-programm. Min jagħti l-kunsens irid jitfissirlu sewwa li f'dak il-programm qed iwarrab il-jedd li għandu għall-privatezza tiegħu u li wara ma jkunx jista' jressaq każ għal ksur ta' l-istess privatezza.

3.1.4 Meta dawk li jinħtieġu ħarsien ikunu ħadu jew qed jieħdu xi għajnuna psikoloġika, il-produttur għandu jibgħat lit-terapista tal-persuna vulnerabbli permezz ta' l-istess persuna ittra iffirmata fejn it-terapista jintalab jagħti lill-produttur kull kumment neċessarju tiegħu.

3.1.5 Il-persuna kwalifikata li tkun qed tieħu ħsieb għandha wkoll tindaħal kulmeta min jinħtieġ ħarsien ikun ser jingħata xi flus jew xi rigali kbar talli jieħu sehem. Jista' jiġri f'każi bħal dawn li l-bżonn materjali jew ta' xort'oħra li jkunu ser jieħdu, iġegħilhom jissagrifikaw ix-xewqa u d-dritt tagħhom għall-privatezza. Ix-xandar ghandu jiżgura li ma jsirx hekk.

3.1.6 Jekk il-persuna kwalifikata tistqarr li jkun aħjar jekk

dawn in-nies li jinħtieġu ħarsien ma jeħdux sehem fil-programm minħabba fil-qagħda tagħhom, dawk li jtellgħu l-programm mistennija joqogħdu dejjem fuq dan il-parir fejn jidħlu t-tfal. Madankollu dawk li jtellgħu l-programm mistennija li fejn jidħlu l-kbar iqisu sewwa wkoll l-importanza ta' dan il-parir u normalment dejjem joqogħdu fuqu. Biss f'każi eċċezzjonali, meta dawk li jinħtieġu ħarsien jinsistu li jieħdu sehem u jagħmlu dikjarazzjoni bil-miktub dwar dan, dawk li jtellgħu l-programm jistgħu jieħdu r-responsabbiltà li jistiednuhom. F'dawn il-każi, dawk li jtellgħu l-programm iridu jibagħtu, qabel il-programm, lill-Maniġer tal-programm:

i. kopja tal-parir tal-persuna kwalifikata, kif ukoll

ii. kopja tad-dikjarazzjoni ta' dak li jinħtieġ ħarsien.

**4.** L-imġiba tal-mezzi tax-xandir lejn nies jinħtieġu ħarsien

4.1 Sehem it-tfal waqt Programmi

4.1.1 Min itella' l-programmi fid-dmir jara li l-ġenituri tat-tfal ikunu konxji sew tal-konsegwenzi tal-parteċipazzjoni tat-tfal tagħhom fi programm qabel ma l-ġenituri jagħtu l-permess tagħhom. Fil-każ ta' tfal oħra li tkun diffiċli għalihom li jagħtu l-kunsens ħieles u infurmat tagħhom, il-permess għandu jintalab mingħand it-tuturi tagħhom. (Dan minbarra l-ħtieġa tal-parir ta' persuna kwalifikata skond kif hemm maħsub fil-paragrafu 3.1.3).

4.1.2 Dawk li jtellgħu l-programm iridu jkunu żguri li għalkemm it-tfal jinħarġilhom il-permess biex jieħdu sehem fil-programm dan isir fl-aħjar interessi tagħhom.

Min itella' l-programm għandu jaħseb fuq kollox fil-ħtieġa ta' ħarsien għal dawn it-tfal.

4.1.3 Għalkemm il-ġenituri jew it-tuturi jkunu jridu lil uliedhom jieħdu sehem, min qed itella' l-programm irid jirrispetta x-xewqa tat-tfal jekk huma stess joġġezzjonaw li jieħdu sehem. F'każijiet bħal dawn għandha dejjem tidħol il-persuna kwalifikata biex tiċċertifika li l-proċess sar skond il-proċeduri msemmija f'dawn il-ħtiġiet.

4.1.4 Meta t-tfal ikunu protagonisti fi programm intenzjonat għall-kbar u mhux għat-tfal, il-parti tat-tfal trid tkun rekordjata.

4.1.5 Meta fi programm jieħdu sehem it-tfal, dawk li jtellgħu l-programm iridu joqogħdu aktar attenti biex jiżguraw il-ħarsien ta' l-interessi tagħhom. Dawk li jtellgħu l-programm iridu joqogħdu attenti l-aktar li t-tfal ħafna iżgħar mill-oħrajn isibuha diffiċli biex jagħżlu bejn ir-realtà u l-fantasija kif ukoll mhux dejjem ikollhom il-ħila jagħrfu l-għajdut u s-seksik mill-verità.

4.1.6 M'għandhomx jixxandru programmi intiżi li jiżvelaw l-identità tal-ġenituri naturali tat-tfal, inkluż tfal addottati. Mhux biss imma fejn il-programmi jew partijiet minnhom ikollhom x'jaqsmu mas-suġġett ta' l-adozzjoni, dawn il-programmi jew partijiet minnhom iridu jixxandru tard wara l-ħinijiet tat-tfal u ma għandux ikun hemm xandir ripetut tagħhom jew partijiet minnhom qabel tard wara l-ħinijiet tat-tfal. Dan jgħodd ukoll għar-reklamar ta'

dawn il-programmi dwar l-adozzjoni. Għall-iskopijiet ta' dawn il-Linji Gwida, wara l-ħinijiet tat-tfal ifisser bejn id-9 ta' filgħaxija u s-6 ta' filgħodu.

4.1.7 L-istazzjon għandu jiżgura li meta tfal li jbatu minn xi tip ta' problema jkunu ser jieħdu sehem fi programm, għandha tiġi kkuntattjata l-Aġenzija Appoġġ jew kull aġenzija speċjalizzata oħra awtorizzata mill-Awtorità sabiex tagħti l-approvazzjoni tagħha biex dik il-persuna vulnerabbli li tkun minuri tieħu sehem u l-Aġenzija Appoġġ jew kull aġenzija speċjalizzata oħra awtorizzata mill-Awtorità għandha tħejji rapport bil-miktub biex jingħata lill-istazzjon konċernat.

Terġa' l-Aġenzija Appoġġ jew kull aġenzija speċjalizzata oħra awtorizzata mill-Awtorità għandha tingħata aċċess biex tissorvelja l-produzzjoni ta' programm f'kull fażi tiegħu jekk hija jidhrilha li jkun hekk neċessarju. Bl-istess mod it-tfal għandhom jingħataw ħarsien ukoll jekk ikunu l-ġenituri tagħhom u mhux huma stess li jidhru fi programm televiżiv u jkunu dawk il-ġenituri li jiddiskutu xi problema li b'xi mod ikollha x'taqsam direttament ma' l-istat tal-kuntentizza tagħhom.

4.1.8 Ix-xandara għandhom, meta jkunu qed iħejju l-iskedi tal-programmi, iżommu quddiem għajnejhom li t-tfal għandhom id-dritt li jiġu mħarsa aktar minn kull persuna oħra. Normalment, għalhekk, it-tfal li jbatu minn xi problema m'għandhomx jiġu mistiedna biex jieħdu sehem fi programm fejn jiddiskutu l-problemi partikolari tagħhom. Bħala eċċezzjoni huwa permess il-każ fejn l-istazzjon ikun tal-fehma li jekk is-sehem tat-tfal ikun ta' ġid għalihom, l-istazzjon għandu allura jgħaddi dak il-każ lill-Aġenzija Appoġġ jew kull aġenzija speċjalizzata oħra awtorizzata mill-Awtorità skond ma jingħad fil-paragrafu ta' qabel dan. It-tfal għandhom jitħallew jieħdu sehem f'dawk il-programmi biss meta d-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti jkunu ġew osservati.

4.1.9 Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 4.1.1 sa 4.1.8 għandhom japplikaw ukoll għal nies oħra bla ħarsien xieraq maġġorenni iżda li jkunu inkapaċitati skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 520 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew taħt il-kura u kustodja tal-ġenituri jew ta' tuturi.

4.1.10 Għandhom jiġu osservati wkoll dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

i. is-seduta li tgħarbel trid tinżamm kemm jista' jkun mhux anqas minn ġimgħa qabel il-ġurnata li fiha jinġibed il-film ħlief fil-każ ta' l-Istrina meta din is-seduta għandha tinżamm mill-anqas xahar qabel id-data ta' meta jinġibed il-film sabiex f'dan l-aħħar każ ikunu jistgħu jsiru l-verifiki meħtieġa dwar l-għoti tal-kunsens;

ii. m'għandha ssir l-ebda seduta li tgħarbel fil-każ ta' tfal ta' taħt it-tliet snin. Fil-każ li tfal ta' taħt it-tliet snin jidhru fuq it-televiżjoni, wiċċ dawk it-tfal għandu jiġi kollu kemm hu mgħotti biex it-tfal ma jkunux jistgħu jiġu identifikati;

iii. meta jittieħed film ta' tfal barra minn Malta iżda xi żmien wara dawk it-tfal jieħdu sehem fi programm lokali u jintuża waqt dak il-programm il-film li jkun inġibed qabel barra minn Malta, xorta jkun jeħtieġ li tinżamm is-seduta li tgħarbel;

iv. fejn il-ġenituri/tuturi jagħtu l-kunsens tagħhom biex it-tfal tagħhom jieħdu sehem fil-mezzi tax-xandir, dak il-kunsens għandu jkun bil-miktub u għandu jitħalla ma' l-Aġenzija Appoġġ, ma' l-istazzjon tax-xandir in kwistjoni u ma' l-Awtorità tax-Xandir;

v. il-volantin mehmuż għandu jitqassam kemm lit-tfal, meta jkun il-każ, u lill-ġenituri/tuturi qabel is-seduta li tgħarbel sabiex huma jkunu konxji dwar dak li hu mistenni li jintlaħaq waqt is-seduta li tgħarbel;

vi. għandha timtela ma' dawn il-ħtiġiet il-Formola dwar it-Talba għas-Seduta li Tgħarbel li tagħti d-dettalji dwar is-sehem tat-tfal li tinsab mehmuża ma' dawn il-Ħtiġiet u kopji tagħha għandhom jingħataw lill-Aġenzija Appoġġ qabel is-seduta li tgħarbel, lill-istazzjon konċernat u lill-Awtorità tax-Xandir;

vii. kemm il-Formola dwar it-Talba għas-Seduta li Tgħarbel u l-Formola dwar l-Għoti tal-Kunsens għandhom jimtlew sew u għandhom jiġu ffirmati fi tliet kopji qabel ma kopja tingħata lill-Aġenzija Appoġġ, oħra lill-istazzjon tax-xandir u oħra lill-Awtorità tax-Xandir.

4.2 Riferenza għal terzi persuni

4.2.1 Min jiġi għall-programm biex jgħid l-istorja tiegħu ma jistax jitħalla jsemmi nies oħra li malajr jintgħarfu min huma iżda li ma jkunux hemm jew li ma jkunux taw il-kunsens tagħhom minn qabel biex jissemmew. Ngħidu aħna, ma jistgħux jidhru nies u jitħallew jgħidu li l-ġenituri, l-aħwa jew xi oħrajn ma għadhomx ikellmuhom u li huma jixtiequ jirranġaw magħhom mingħajr ma jirrispettaw id-dritt li dawn ma jissemmewx jekk ma jkunux qalu "iva" minn qabel.

4.3 Id-drittijiet tal-gruppi

4.3.1 Dawk li jtellgħu l-programm għandhom jagħtu każ mhux biss id-drittijiet ta' l-individwu li jkun irid jieħu sehem fil-programm iżda wkoll tad-drittijiet ta' nies oħra li jkunu f'qagħda bħalu u m'humiex fil-programm. Jista' jkun, ngħidu aħna, li min jidher fil-programm ikollu diżabilità li minħabba fiha jingħata xi benefiċċju personali, bħal xi għotja ta' flus. Dawk li jtellgħu l-programm għandhom b'kull mod jevitaw li din ma tiftehimx ħażin u li dawn l-individwi la huma "vittmi" u lanqas "anġli". Dan jgħodd mhux biss għal dawk b'diżabilità iżda għal kull grupp ta' nies meqjusa jinħtieġu l-ħarsien.

4.4 L-użu ta' l-iffukar fil-qrib

4.4.1 Bla dubju ta' xejn l-użu ta' l-iffukar fil-qrib jgħin biex programm televiżiv ikun aktar intimu u l-udjenza allura tħossha

aktar qed tieħu sehem fih. Iżda l-iffukar fil-qrib jista' wkoll jinvadi l-privatezza ta' dak li jkun. Minħabba f'hekk dawk li jtellgħu l-programm għandhom jaħarbu kemm jista' jkun l-użu ta' l-iffukar fil-qrib l-aktar meta dan jista' jintqies bħala invażjoni tal-privatezza jew meta jistgħu jispikkaw difetti fiżiċi, l-aktar fil-wiċċ.

4.5 Anonimità

4.5.1 Importanti li meta titwiegħed l-anonimità lil dawk li qed jieħdu sehem tinżamm b'mod strett għall-aħħar. Ħafna drabi jkun meħtieġ li biex jiġu protetti l-individwi, ix-xandir isir b'mod li l-persuni konċernati ma jkunux jistgħu jintgħarfu mill-pubbliku u xi drabi lanqas mill-ħbieb jew saħansitra minn tal-familja.

Biex dan ikun jista' jseħħ ġieli jkun meħtieġ li jinbidlu kemm il-viżiv kif ukoll l-awdjo. Sikwit ikun aħjar li jintuża leħen ieħor (*voice over*), fuq dak li jkun hemm, minn ħaddieħor jew minn attur, minflok titgħarraq il-vuċi biex ma tingħarafx. Meta jiġri hekk tajjeb li l-udjenza tkun mgħarrfa bit-teknika użata.

4.6 Persuni li jsofru minn mard terminali, eċċ.

4.6.1 Persuni li jbatu minn mard terminali jew għandhom difetti fiżiċi naturali jistgħu jipparteċipaw fil-programmi meta s-sehem tagħhom x'aktarx ikun ser inissel tama u ispirazzjoni fl-udjenza li tarhom. Meta l-istazzjon jkollu l-biża' li l-effett prinċipali ser ikun tnissil ta' sens ta' "jaħasra" allura m'għandhomx jieħdu sehem. L-istazzjonijiet għandhom jiġu gwidati mill-prinċipji tar-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem/bniedma u għandhom jaħarbu milli jiffukaw fuq sitwazzjonijiet fejn it-tbatija tan-nies tiġi enfasizzata u sensazzjonalizzata bla bżonn.

4.7 *Doorstepping*

4.7.1 Mhux permess li jsir *doorstepping* jew li tersaq bil-*camera* għal għarrieda fuq persuna vulnerabbli dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-vulnerabilità tagħha u l-istazzjonijiet għandhom joqogħdu ferm 'il bogħod milli jġibu rwieħhom b'dan il-mod.

4.7.2 L-anqas m'għandu jkun hemm *doorstepping* fejn terzi persuni jintalbu jikkummentaw dwar il-vulnerabilità ta' kull persuna vulnerabbli.

4.8 Tifsir ta' dawn il-ħtiġiet

4.8.1 L-istazzjonijiet għandhom jiżguraw li fit-tifsira li tingħata lil dawn il-ħtiġiet huma għandhom iħarsu lejn l-ispirtu tagħhom u kull tifsir mogħi lilhom għandu dejjem ikun fl-aħjar interess tal-persuna vulnerabbli.

FORMOLA GHAL TALBA BIEX ISSIR SEDUTA LI TGHARBEL

*PRE-SCREENING SESSION REQUEST FORM*

| | | |
|---|---|---|
| Isem ta’ l-Istazzjon:<br>*Name of Station*: | | |
| Data u ħin maħsuba għax-Xandira:<br>*Date and Time of Intended Transmission*: | Nhar:<br>*On*: | Fi:<br>*At*: |
| Isem u Kunjom tat-Tifel/Tifla li ser jattendu għas-Seduta li Tgħarbel:<br>*Name and Surname of Child to be Screened*: | | |
| Età tat-Tifel/Tifla li ser j/tattendi għas-Seduta li Tgħarbel:<br>*Age of Child attending the Pre-Screening Session*: | | |
| Tul tad-Dehra fil-Programm:<br>*Duration of Appearance*: | | |
| Natura tad-Dehra fil-Programm:<br>*Nature of Appearance*:<br>..........................................................................................................<br>..........................................................................................................<br>.......................................................................................................... | | |
| | Dirett<br>*Live* | Rikordjat<br>*Recorded* |
| Jekk il-programm hux dirett jew irrekordjat:<br>*Whether the programme is live or recorded*: | ☐ | ☐ |
| Jekk il-Ġenituri/Tuturi tawx il-kunsens tagħhom għad-dehra tat-Tifel/Tifla:<br>(Egħmeż kopja tal-Formola tal-Kunsens)<br>*Whether parents/tutors gave consent for child’s appearance:*<br>*(attach copy of Consent Form)* | IVA<br>*YES*<br>☐ | LE<br>*NO*<br>☐ |

FORMOLA TAL-KUNSENS

*CONSENT FORM*

Jiena (niżżel l-isem u l-kunjom):
*I (insert name and surname)*: ...................................................................
nagħti l-kunsens tiegħi li (niżżel l-isem u l-kunjom tat-Tifel/Tifla):
*hereby consent that (insert name and surname of child)*: ..........................
jidher fuq (niżżel l-isem ta' l-Istazzjon):
*appears on (insert name of station)*: .......................................................
fil-programm (niżżel l-isem tal-Programm):
*on the programme (add name of programme)*: .........................................
nhar (niżżel id-data u l-ħin):
*on (add date and time)*: ..........................................................................
Jiena niddikjara ukoll li jien niġi (niżżel il-parentela - missier, omm, tutur eċċ.):
*I further declare that I am the (add relationship - father, mother, tutor, etc)*:

tat-Tifel/Tifla
............................. *of the said child.*

................................ ............................

Firma — Data

*Signature* — *Date*

| VOLANTIN: | HANDOUT: |
|---|---|
| Seduti ma' persuni vulnerabbli fil-mezzi tax-xandir mill-Aġenzija APPOĠĠ | Screening sessions by Aġenzija APPOĠĠ of vulnerable persons in media programmes |
| L-għanijiet tas-seduta: | Purposes of the screening session: |
| Hu importanti li tkun taf li l-assessjar tal-minuri / persuna vulnerabbli ssir f'seduta waħda u din ma sservix biex jinfetaħ każ ma' l-Aġenzija. | Please note that the assessment of the minor / vulnerable person takes place in one session and this is not intended to open a case with the Agency. |
| 1. Is-seduti mal-minuri u persuni vulnerabbli huma skond il-"Linji Gwida Dwar is-Sehem ta' Nies Bla Ħarsien Xieraq fil-Mezzi tax-Xandir" ta' l-Awtorità tax-Xandir. | 1. Screening of minors and vulnerable persons are in line with the "Guidelines regarding Participation of Vulnerable Persons in Media programmes" by the Broadcasting Authority. |
| 2. Is-seduta ssir minn persuna kkwalifikata u kkordinata mill-Aġenzija APPOĠĠ, bħala Aġenzija awtorizzata mill-Awtorità tax-Xandir. | 2. The screening session takes place by a qualified person coordinated by Agenzija APPOĠĠ, as a designated agency by the Broadcasting Authority. |

| | |
|---|---|
| 3. Is-seduti huma mmirati biex ikunu mħarsa l-aħjar interessi tal-minuri (dawk taħt it-18-il sena) jew persuni adulti vulnerabbli li jkunu ser jiġu esposti fi programmi fuq il-mezzi tax-xandir. Dawn is-seduti huma intenzjonati biex inaqqsu r-riskju ta' ħsara li tista' ssir lit-tfal / persuni vulnerabbli u biex dawn jibbenefikaw kemm jistgħu mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm. | 3. The screening sessions are aimed to safeguard the best interests of the minor (those under 18 years of age) or vulnerable adult person who would be about to be exposed in media programmes. Such interviews aim to minimise the potential of harm to the children and to maximise any benefits that they may gain through participation. |
| 4. Matul is-seduta mal-professjonist/a minn APPOĠĠ, dan/din j/tispjega l-implikazzjonijiet kollha possibbli li jistgħu jirriżultaw permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom u/jew tat-tfal tagħhom fi programmi fuq il-mezzi tax-xandir. | 4. During the session with the Appoġġ professional worker, the latter explains all the possible implications involved in him/herself and/or his/her children due to his/her exposure on the media. |
| 5. Seduti jsiru wkoll meta tkun il-persuna stess (kemm minuri kif ukoll adulta) li titlob biex tidher fil-programm. | 5. Screening sessions also take place when it is the vulnerable person (both minor and adult) who approaches the producer. |
| 6. Matul is-seduta jkun hemm enfasi li l-persuna, kemm minuri kif ukoll adulta, tkun tat il-kunsens tagħha mingħajr ebda pressjoni. | 6. During the screening session it is emphasised that the person's informed consent, be it a minor or an adult, is given without any pressures. |
| 7. Fil-każ ta' minuri, min itella' l-programm hu mistenni dejjem li jimxi ma' dak li jirriżulta mis-seduta mmexxija mill-professjonist/a minn APPOĠĠ, li j/tkun ra/t l-aħjar interess tat-tfal. | 7. In case of minors, producers of the programme are always expected to abide by the assessment of the professional worker, who sees what is in the best interest of the child. |
| Procedura tas-seduta: | Procedure of the screening session: |
| 1. Il-proċedura tas-seduta tkun spjegata lill-minuri / persuna adulta vulnerabbli u lill-ġenituri/tuturi. | 1. The procedure of the screening session is explained to the vulnerable adult persons and/or minor and parents/carers. |
| 2. Il-professjonist li jmexxi s-seduta jagħti spjegazzjoni dettaljata tal-formula ta' kunsens li l-ġenituri/tuturi jeħtieġ li jiffimaw biex jkun jista' jibda' l-proċess tas-seduta. | 2. The professional worker gives a detailed explanation of the consent form that the parents/carers need to sign for the screening process to take place. |
| 3. Il-persuni li jakkumpanjaw lill-minuri/persuni vulnerabbli għandhom ikunu dawk li legalment ikollhom il-kura u kustodja tagħhom. F'ċerti każijiet tista' tintalab biex tintwera prova ta' dan. | 3. The persons accompanying the minor/vulnerable person should be the legal parents/carers. In certain cases, proof of custody might be requested. |
| 4. Il-professjonist imexxi s-seduta mal-minuri/persuna vulnerabbli weħidhom. Hija għad-diskrezzjoni tal-professjonist jekk il-ġenituri/tuturi jkunux preżenti għas-seduta jew le. | 4. The professional worker carries out a session with the minor/vulenrable person alone. It is at the professional worker's discretion whether the parents/carers should be present during the screening session or not. |

| | |
|---|---|
| 5. Ir-riżultat tas-seduta tkun spjegata lill-ġenituri / tuturi u lil min itella' l-programm. | 5. The outcome of the screening session is explained to the parents/ carers and the programme producers. |
| 6. Il-professjonist ta' APPOĠĠ iħejji u jiffirma rapport. Kopja ta' dan ir-rapport tingħata lill-Awtorità tax-Xandir, lil min itella' l-programm, lix-xandar u lill-ġenituri / tuturi. Kopja oħra tinżamm mill-Aġenzija APPOĠĠ għall-fini ta' referenza. | 6. A report is prepared and signed by the Appoġġ professional worker. A copy of the report is passed on to the Broadcasting Authority, the producers of the programme, the broadcasting station and the parents/carers. A copy is also kept for reference purposes by Agenzija APPOĠĠ. |
| L-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data ikun segwit f'kull stadju tal-proċedura msemmija hawn fuq. | The Data Protection Act is followed in all stages of the above procedure. |